**RULING MOGĦTI MID-DEPUTY SPEAKER, L-ONOR. ĊENSU GALEA, F'SEDUTA NRU 111 TAT-22 TA' JANNAR 2014**

**THE DEPUTY SPEAKER:** Nirreferi għall-*point of order* imqajjem mill-Ministru Joe Mizzi dwar il-kliem li ntqal mill-Onor. George Pullicino meta l-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali kienet qed tirrispondi mistoqsija supplimentari tal-Onor. Carmelo Abela. Il-Ministru Mizzi talab lis-Sedja biex tisma' r-*recording* tad-diskors tal-Onor. Pullicino u tikkonferma li dak li qal l-Onor. Pullicino fil-konfront tal-Ministru Coleiro Preca mhuwiex aċċettabbli. Is-Sedja semgħet l-ewwel intervent tal-Onor. Pullicino u nikkwota dak li qal:

> "Filwaqt li napprezza dak kollu li qed tgħid il-Ministru, peress li hawnhekk qegħdin fi *question time* u mhux f'*lecture time,* nippretendi li żżomm mal-mistoqsija li saritilha u li tkun koinċiża kif diġa' deċiż mill-Ispeaker. Inkella qegħdin nilagħbu biex nirredikolaw dan il-Parlament jew inkella hemm xi mistoqsija li n-naħa tal-Gvern ma tridx li l-Oppożizzjoni tagħmilha llum.".

Dan kien id-diskors testwali li qal l-Onor. George Pullicino.

Irrid nagħmel referenza wkoll fuq dak l-istess punt għal deċiżjoni li kienet ingħatat mill-Ispeaker fis-Seduta nru. 25 tat-Tnejn 3, ta' Ġunju, 2013 dwar it-tul kemm tad-domandi kif ukoll tar-risposti li għandhom jingħataw. Hemmhekk diġa' kien hemm direzzjoni ċara li la d-domanda u lanqas ir-risposta m'għandha tkun twila żżejjed. Però rrid ngħid li d-domanda li għamel l-Onor. Carmelo Abela kienet waħda li riedet ċertu tul ta' risposta u r-risposta sal-mument li kienet imwaqqfa milli tkompli tingħata, kienet għadha fil-limitu, għalkemm kont wasalt fil-limitu li nwaqqaf lill-Ministru. Imma dak kien limitu ta' tul li wieħed jista' iqis bħala aċċettabbli. Fl-istess ħin billi qam dan il-punt, nixtieq nistaqsi lill-Onor. George Pullicino jipprova jiċċara dak id-diskors li ngħtqal. Però s-Sedja ma tħossx – almenu f'dan l-istadju – li hemm xi każ ta' *naming* fil-konfront tal-persuna li qiegħda tagħmel dan id-diskors.